MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2006

Numru 806/2000

**Il-Pulizija**
**Spettur Louise Calleja**

**v**

**ALEXANDER GIACOMOTTO**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ALEXANDER GIACOMOTTO** bin il-mejtin Victor u Frances nee Mallia, imwieled Hal Balzan nhar l-hmistax ta' Settembru 1951 u residenti 130, 'St. Therese', Triq Naxxar, B'Kara jew 'Trilthon Court no. 20', Triq il-Kurazza, Qawra, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita numru 730851M gie imressaq quddiemha akkuzat talli:

a. Fl-ghoxrin ta' Ottubru 2000 u fix-xhur ta' qabel fil-Qawra u diversi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda b'ghemil zieni kkorrompa lil **OMISSIS** persuna taht l-eta;

b. Talli ghal qliegh, jew ghat-tqassim, wera f'post pubbliku jew f'post accessibbli ghal pubbliku, zamm jew akkwista jew iccirkola jew innegozja wkoll jekk dan n-negozju sar bil-mohbi, oggetti, film jew stampat pornografiku u cioe films u/jew videos f'post pubbliku jew f'post accessibbli ghal pubbliku.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tlieta ta' Dicembru 2001 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigu trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta ta' nhar t-tmienja ta' April 2002 [fol 97].

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti kollha esibiti.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni kif wkoll lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija a fol 172 tal-atti odjerni.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tat-tmintax ta' Jannar 2006.

Ikkunsidrat:

Illi nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Dicembru 2000 **xehed OMISSIS** [fol 14] fejn wara li l-Qorti spjegatlu t-tifsira tal-gurament, qal li hu ghandu sittax il-sena u jattendi Forma 5, fl-iskola sekondarja tal-gvern f'Targa Gap il-Mosta. Qal li huwa spicca l-iskola s-sena l-ohra, cioe f'Gunju tas-sena

skolastika 1999-2000. Qal li l-imputat presenti fl-awla kien surmast u guidance teacher tieghu u kien jghallmu l-Ingliz biss mix-xahar ta' Ottubru 2000 sa ma spicca l-iskola. Qal li l-imputat kien guidance teacher tal-iskola kollha u l-istudenti kollha kienu jmorru ghandu bil-problemi familjari u personali li kien ikollhom. Fil-fatt kien hemm zmien meta kienu jivvintaw li jkollhom problema li kienu jmorru ma prostituti sabiex jidhru kbar. Kompla jghid li l-imputat kien qalilhom li kien imur ma xi Russi u li kellu karta fil-wallet. Qal li kien sar qisu habib maghhom u darba minnhom kien staqsa lilu u lil siehbu **OMISSIS** biex imorru ghandu jghinuh d-dar. Qal li l-imputat ghandu dar f'Hal Balzan u flat Bugibba u fil-fatt l-imputat kien hadhom ghandu Bugibba. Qal li dakinhar li marru Bugibba ghand l-imputat, dan kien urihom film pornografiku fuq l-irgiel li jmorru ma nisa u kien fih posizzjonijiet partikolari tas-sess.

Kompla jghid li dakinhar, wara li raw il-film, l-imputat kien wassalhom lura d-dar. Qal li l-imputat gieli hadhom jieklu f'restaurants u darba minnhom f'take away u anke kielu ghandu f'Bugibba u tahom xi inbid. Dakinhar kienu hu, **OMISSIS** u **OMISSIS** u hu kien spicca fis-sakra. Qal li dakinhar, wara kien wassal lil **OMISSIS** Tas Sliema, lil **OMISSIS** Bugibba stess u lilu rega' hadu l-flat li kellu Bugibba.

Ix-xhud **OMISSIS** zied jghid li dakinhar, meta hadu lura Bugibba fil-flat tieghu, l-imputat kien nezzghu waqt li kien fil-kamra tas-sodda u dawwar blue film tal-irgiel biss, jaghmlu s-sess bejniethom, qaghad ibusu w immasturbah. Qal li wara l-imputat kien staqsih biex jimmasturbah, pero hu ma riedtx. Ix-xhud kompla jghid li hu wara kien mar jinhasel f'kamra tal-banju u l-imputat mar f'ohra u wara l-imputat kien wasslu d-dar ghal habta tan-nofs siegha ta' filghodu u kellu xi jghid ma missieru peress li ma kienx ihallih barra. Qal li sa dak l-hin hu kien telaq mid-dar peress li kien daqsxejn fis-sakra u wara rega' mar lura d-dar. Qal li dakinhar l-imputat kien tah ghaxar liri.

Ix-xhud qal li fil-kamra tas-sodda tal-imputat hemm gradenza zghira u fuqha kien hemm hafna fwieha. Qal li f'nofs il-kamra hemm sodda u ma gembha hemm

gwardarobba kbira li hdejha kien hemm speci ta' stand bit-television fuqha u hdejha hemm tieqa.
Kompla jghid li dak iz-zmien fix-xahar ta' Gunju, l-imputat kien weghdu hafna affarijiet bhal mobile ghal birthday u li meta jikber kien ser jaghtih flat f'Rahal Gdid. Qal li wara kienu jiltaqghu tlett darbiet fil-gimgha, u l-imputat kien jigbru minn hdejn hanut tal-pastizzi vicin d-dar tieghu u jiehdu fl-flat f'Bugibba. Qal li meta kien imur ghand l-imputat, dan kien inezzghu u jimmasturbah u kien jghidlu biex jaghmel l-istess fuqu pero hu qatt m'ghamel hekk. Qal li l-imputat kien jipprova jaghmel s-sess mieghu minn wara u hu kien jirrifjuta.

Ix-xhud kompla jghid li l-ahhar darba li kien mar ghand l-imputat kien f'Ottubru ta' dik is-sena u l-imputat kien tah erbghin lira u kien qal lil ghalliema l-ohra li huwa fil-fatt kien sellfu dawk l-erbghin lira u li ma kienx qed ikellmu peress li ma kienx tahomlu lura. Qal li meta fil-bidu kien mar ikellmu kien weak hafna peress li kien ghadu kemm mietlu habib tieghu certu Nicholas f'incident tat-traffiku. Zied jghid li darba minnhom, siehbu **OMISSIS** u hu kienu fil-klassi u l-imputat kien qalilhom li kien ser igibilhom bicca smoke biex huma johduha lil Pulizija. Qal li dan d-diskors l-imputat kien qalu fil-presenza ta' **OMISSIS** wkoll. Qal li **OMISSIS** kien wkoll ra films tan-nisa ghand l-imputat f'Bugibba. Qal li meta l-imputat kien jabbuza minnu kienu jkunu wahedhom fil-flat. Fil-fatt l-imputat kien jghidlu li kien ikun ahjar kieku jkunu tnejn minflok tlieta u fil-fatt kein anke ssuggerixxa lil **OMISSIS** u lil **OMISSIS** u fil-fatt l-imputat kien jghidlu biex jghidilhom lil **OMISSIS** u lil **OMISSIS** pero hu ma kienx ikun irid. Ix-xhud kompla jghid li qabel ma kien jkollhom ezami, l-imputat gieli wrihom l-karta tal-ezami kemm lilu kif wkoll lil **OMISSIS** lil **OMISSIS** u lil certu **OMISSIS**.

Ix-xhud kompla jghid li l-imputat kien jaghti privat tal-Ingliz u hu kien ghamel sitt xhur imur ghandu f'Hal Balzan. Qal li gieli falla lezjonijiet wkoll. Qal li ghall-ewwel hu kien beza' peress li haseb li l-imputat kien ser jikxfu ma shabu u jibdew jghajjruh w ghalhekk lil genituri tieghu lanqas biss kien qalilhom. Qal li l-ewwel persuna li kien tkellem maghha fuq dan kien certu **OMISSIS** li kien habib tieghu.

Zied jghid li dik s-sena kien tkellem mal-guidance teacher taghhom Ms. Agius li ssuggeritlu li ghandu jkellem lil ġenituri tieghu u hu hekk ghamel. Qal li l-ġenituri tieghu haduha bi kbira hafna ghaliex lil imputat kienu jafdawh u kien missieru li beda dawn il-proceduri. Ix-xhud qal li l-imputat gieli kien jghidlu li kien ser igib il-computer minn Hal Balzan ghal Bugibba u hu kien nizel Bugibba pero l-imputat dakinhar ma kienx gab il-computer minn Hal Balzan. Qal li hu kien mar biex juza l-internet dakinhar. Ix-xhud zied jghid li f'Ottubru ta' dik is-sena hu kien falla l-ahhar zewg lezzjonijiet peress li kien mar ghand l-imputat Bugibba w ipprova jaghmel dak li kien jaghmel qabel mieghu, pero ma kienx hallih. Qal li dakinhar kien inqabad mis-surmast tal-iskola li kien falla u hu ma kienx qallu lis-surmast li kien ghand l-imputat w is-surmast kien eskludih mill-iskola. Qal li hu tkellem mal-imputat fuq dan l-incident u l-imputat kien weghu li kien ser jirrangalu u ma jaqlax eskluzzjoni u fil-fatt ma qalahiex. Qal li fuq il-computer tal-imputat kienu juza s-sistema tal-internet fejn fuqu kien jara rgiel Tajlandizi pero hu kien jaqlibhom fuq nisa u affarijiet simili.

Mistoqsi jekk l-imputat uriehx affarijiet ohra waqt li kien ikun mieghu fil-kamra tas-sodda f'Bugibba, ix-xhud qal li darba minnhom imputat kien gab l-parti genitali ta' ragel tal-hgieg, ipprova jkollu x'jaqsam mieghu b'din il-haga minn wara u hu ma kienx hallih u l-imputat kien rega' poggiha fil-kexxun. Qal li mill-bidu nett l-imputat kien jghidlu kliem li jekk hu kien kuntent b'dak li kien qed jghamillu, ma jkunx qed jaghmel dnub. Qal li hu ddecida tard li jieqaf ghaliex kien jaf li shabu kienu qed imorru ghandu l-imputat u beza' li kien ser jghamel l-istess haga maghhom w ghalhekk iddecida li jieqaf. Qal li esperjenzi sesswali ma kellu ma hadd aktar f'hajtu, lanqas ma tfajla.

Illi nhar d-disgha ta' Gunju 2003 **rega' xehed OMISSIS** [fol 113] fejn mistoqsi miill-Qorti ghaliex kien spicca l-iskola **OMISSIS** meta kien jghix f'Rahal Gdid, wiegeb li hu kien mar hemmhekk biex jitghallem s-sengha tal-hgieg. Mistoqsi kif kien imur l-iskola ix-xhud wiegeb li mhux hazin. Qal li problemi familjari ma kellux ghalkemm minn missieru kien jibza. Mistoqsi jekk kienx hu bhala

**OMISSIS** li kien qal d-diskors tal-prostituti ix-xhud wiegeb li kien u u Rodnel Bianco li kienu qalu din l-istorja. Mistoqsi jekk kienx qal dan d-diskors ma hbiebu jew nies ohra fil-klassi, ix-xhud wiegeb li kien qal diskors simili ma tfal li kienu jkunu mal-imputat biex jaqblu fid-diskors, pero l-fatti ma kienux veri. Qal li qatt ma gie mehud mill-imputat jew nies ohra f'xi postijiet biex juruhom dawn il-prostituti. Ix-xhud qal li mhux minnu dak li kien qed jissuggerixxi l-avukat difensur tal-imputat li l-imputat kien qalilhom li hu, jekk ried seta' jmur ma xi Russi ghal prostituzzjoni pero ma marx ghaliex il-prostituzzjoni kienet xi haga hazina. Ix-xhud lanqas ma ftakar diskors li l-imputat kien qal li hu kellu kuntatt mal-Pulizija u seta' jgib d-droga pero ma kienx igibha ghaliex kienet xi haga hazina. Ix-xhud qal li l-imputat veru kien imur mal-prostituti ghaliex fil-fatt kien wrihom biljett ta' dawn waqt li kienu fil-klassi u anke d-diskors tad-droga sar fil-klassi. Qal li fl-iskola **OMISSIS** hu kien ghamel sentejn, Form 4 u Form 5. Qal li ma kienetx l-ewwel darba li huma hargu mal-imputat u kienu jmorru Bugibba pero darba biss kienu hadu pizza take away u marru jiekluha ghandu. Qal li meta kienu johorgu mieghu fil-passat, kien biex jghinuh jaghmel xi fotokopji u gieli hargu u marru xi fieri tal-iskola u ghalih il-hrug mal-imputat kien biss relatat mal-iskola. Ix-xhud qal li hu kien jaf li kien hemm ktieb tal-past papers. Cahad dak suggerit mill-avukat difensur tal-imputat, li l-imputat kien jurihom biss l-past papers biex jurihom fuq x'hiex ghandhom jenfasizzaw waqt l-ezami ghaliex l-imputat kien jurihom l-karta proprja tal-ezami tal-half yearly li kienu jkunu tal-Ingliz, tal-Malti u tal-Maths.

Qal li darba minnhom meta hu, **OMISSIS** u **OMISSIS** kienu Bugibba ghand l-imputat, l-impuat kien fetah il-gwardarobba u fiha kien hemm hafna xorb. Mistoqsi jekk kienx hemm xi hadd jismu **OMISSIS** maghhom, ix-xhud qal li ma jiftakarx. Qal li dakinhar l-imputat kien qalilhom li setghu jiehdu xi xorb u l-imgieba tieghu kienet wahda li huma setghu jghamlu li jridu, pero hu ma xorobx dakinhar ghalkemm l-ohrajn xorbu. Qal li kien veru li dakinhar hu kellu xi jghid ma missieru u kien telaq mid-dar u huwa minnu wkoll li missieru kien ghamel rapport l-Ghassa dwaru peress li hu kien xurban u ma bediex jirraguna kif

suppost. Ix-xhud qal li peress li kien wasal tard d-dar, u peress li kien xurban, missieru rrabja mieghu u hu telaq mid-dar. Ix-xhud kompla jghid li kien l-imputat li kien sablu site fuq l-internet tat-Tajlandizi. Qal li Bugibba l-imputat ma kellux internet u dawn is-siti kien isibhomlu fil-fond li kellu f'Hal Balzan fejn kien imur ghal privat. Cahad li hu kien seraq erbghin lira lil imputat w ghalhekk r-relazzjoni ta' bejniethom hzienet. Cahad wkoll li hu kien seraq erbghin lira minghand xi hadd.

Mistoqsi jekk jafx lil xi hadd bl-isem ta' **OMISSIS**, ix-xhud wiegeb fl-affermattiv. Qal li dan kellu razzett u hu kien imur fih. Cahad li hu kien seraq erbghin lira minghand **OMISSIS** u li missieru kien ser jiskopri dan. Qal li **OMISSIS** ma kienx ikollu flus fir-razzett.

Cahad li l-imputat kien tah erbghin lira sabiex ma jidholx f'inkwiet ma missieru u li kien jaghtih xi flus kultant zmien u li kien ilu ma jaghtih w ghalhekk tahomlu f'daqqa u b'hekk kien ghama. Cahad li hu kien daru mal-hajt. Qal li lanqas ma kien minnu li kienu ser ikeccuh mill-iskola ghaliex kien igib ruhu hazin. Qal li l-assistant head kien jghidlu li kien qed jittraskura pero lil genituri tieghu qatt ma qalilhom b'dan u lanqas kien jaf li ried ikellimhom. Qal li pero kien minnu li l-imputat ried jiehu l- erbghin lira lura ghaliex hu kien sellifhomlu u mhux tahomlu. Cahad li hu kien ivvinta din l-istorja minhabba dawn ic-cirkostanzi. Qal li hu minn dejjem kien ftit traskurat l-iskola w ghalhekk ma kienx ser johodha bi kbira jekk isir jaf missieru. Qal li hu ma tkellimx ghaliex l-imputat ried l-erbghin lira. Qal li hu qatt ma seraq minn xi basket. Qal li ma jafx li hemm xi raguni ghaliex hemm xi nies li kellhom ghal x'hiex jigdbu kontra tieghu. Qal li hu qatt ma seraq lil **OMISSIS** u li veru kien jibza minn missieru. Qal li gieli kien hemm gideb iehor fis-sens li kienu jghidu li kellhom xi lezzjonijiet meta fil-fatt ma kienx ikollhom. Qal li mhux normali ghalih li jivvinta storja sabiex titwemmen bhal ghamel fl-istorja tal-prostituti u li kien ghamel dik biex jiskarta l-iskola. Qal li hu m'ghamiliex drabi ohra li vvinta storja biex jidher kbira mal-imputat.

Illi nhar s-sittax ta’ Frar 2001 **xehed OMISSIS** [fol 29] fejn wara li l-Qorti spjegatlu t-tifsira tal-gurament, qal li hu jattendi l-iskola f’ **OMISSIS** u li lil imputat kien jafu, peress li kien jghallmu l-Ingliz. Qal li kien jaf li l-imputat kien joqghod Balzan /B’Kara peress li kien imur ghandu ghal privat u li ghandu post iehor Bugibba fejn anke gieli mar. Qal li darba minnhom hu, l-imputat, certu **OMISSIS** u xi ohrajn, kienu qed jieklu pizza ghand l-imputat f’Bugibba li kienu xtraw minghand l-Mirabelle. Qal li wara l-imputat kien wassalhom lura d-dar. Qal li **OMISSIS** ma kienx maghhom. Qal li dakinhar l-ewwel l-imputat kien wassal lil **OMISSIS**, imbaghad lil **OMISSIS** u wara lilu. Mistoqsi ghat-tieni darba jekk jiftakarx jekk **OMISSIS** kienx maghhom jew le, ix-xhud wiegeb li ma jiftakarx. Qal li jekk mhux sejjer zball ma kienx maghhom fil-flat. Qal li dakinhar pero kienu xorbu biss soft drinks.

Illi nhar d-disgha ta’ Gunju 2003 **rega’ xehed OMISSIS** [fol 110] fejn rega’ qal li hu kien imur ghal privat ghand l-imputat f’B’Kara. Qal li apparti dak l-incident li semma fix-xhieda precedenti tieghu, gieli kien hemm okkazzjoni ohra meta hu hareg mal-imputat. Qal li fil-fatt gieli hargu flimkien hu u l-imputat pero dik kienet l-ewwel darba li kienu marru l-post tal-imputat f’Bugibba. Ix-xhud qal li l-imputat gieli kien jiekol ghand ommu peress li kienet tistiednu ghal ikel.

Qal li meta qal fix-xhieda precedenti tieghu li hu u **OMISSIS** kienu marru jixtru l-pizza, kienu hu u **OMISSIS**. Apparti **OMISSIS** u l-imputat kien hemm wkoll **OMISSIS**. Qal li fil-fatt ghall-ewwel **OMISSIS** ma kienx ser imur maghhom pero kif semghahom jaghmlu l-arangamenti waqt li kienu ghand l-imputat, thajjar u mar maghhom. Qal li **OMISSIS** dak iz-zmien kien jghix Bugibba w ghalhekk meta fix-xhieda precedenti tieghu kien qal li l-imputat l-ewwel kien wassal lil **OMISSIS** u wara lilu, ried jfisser li l-ewwel wasal lil **OMISSIS** imbaghad lilu peress li **OMISSIS** kien jghix hemmhekk.

Ix-xhud qal li hu qatt ma ra karti tal-ezami qabel ma jsir l-ezami ghalkemm l-imputat, bhal ghalliema ohra, kien jghidilhom biex jenfasizzaw fuq certi suggetti aktar. Qal li

l-imputat gieli wriehom past papers bhala karti tal-ezami, liema past papers kienu jkunu migbura bhala ktieb. Qal li kienu jkunu karti bhal taghhom tal-ezami ghaliex kienu jkopru s-suggetti kollha u l-imputat kien jghidilhom biex jghafsu fuq certu syllabus peress li fil-fehma tieghu kien hemm possibilita li tohrog bhal dik li kien jurihom.

Qal li l-imputat, lilu dejjem kelma ta' gid tah u qatt ma hajjru jaghmel affarijiet li mhux suppost. Mistoqsi jekk l-imputat qattx tah xi flus ix-xhud qal li darba minnhom hu kien qal lil imputat li xtaq jibda l-privat tal-Malti u u peress li hu kien diga hallas lil imputat, dan kien offrihilu jiehu ghaxar liri u jaghtihlu aktar 'l quddiem u b'hekk ikun jista jmur l-privat tal-Malti b'dik l-ghaxar liri. Qal li ghalkemm l-imputat qatt ma talbu l-ghaxar liri lura, hu xorta kien tahielu lura.

Mistoqsi fejn kienu qaghadu jieklu l-pizza, ix-xhud qal li f'kamra fid-dar tal-imputat, speci ta' mejda fin-nofs u sufan ma gembha. Mistoqsi jekk kienx hemm x'incident fejn l-imputat beda jghajjat, ix-xhud qal li kien hemm u dan ghaliex **OMISSIS** ried jiehu xi alkohol u l-imputat ma riedux. Mistoqsi jekk fil-fatt kienx ha alkohol, ix-xhud wiegeb li ma kienx jaf. Qal li jiftakar li kien ra lil **OMISSIS** jitlaq mill-kamra. Qal li mieghu, **OMISSIS** darba kien stqarr li huwa kien mar mal-prostituti.

Illi nhar s-sittax ta' Frar 2001 **xehed OMISSIS** [fol 31] fejn, wara li l-Qorti spjegatlu t-tifsira tal-gurament, qal li hu jattendi l-iskola f' **OMISSIS** u li lil imputat kien jafu peress li kien guidance teacher u kien imur ghandu ghal privat tal-Ingliz. Qal li **OMISSIS** kien jafu peress li kien jattendi l-istess skola tieghu. Qal li darba minnhom hu kien fl-ufficju tal-imputat flimkien ma **OMISSIS** li kien qed jilghab bil-computer loghba tal-karti Solitaire. Qal li **OMISSIS** kemm il-darba kien hemm fl-ufficju jilghab bil-computer. Ix-xhud qal li hu kien hemmhekk bejn lezzjoni w ohra u ma kien qed jaghmel xejn. Qal li hu habib tal-imputat u gieli mar ghandu fl-ufficju tieghu. Qal li qatt ma mar jigbor xi karti minghandu u gieli mar jkellmu fuq kwistjoni ta' O Levels u affarijiet simili b'mod partikolari ghal Ingliz. Mistoqsi mill-

Prosekuzzjoni jekk **OMISSIS** qattx tkellem mieghu fuq il-guidance tieghu, ix-xhud wiegeb fin-negattiv.

Illi nhar s-sittax ta’ Frar 2001 **xehed OMISSIS** [fol 33] fejn qal li lil imputat odjern jafu l-iskola u li f’xi zmien kien wkoll assistant head. Qal li gieli mar ghand l-imputat ghal privat tal-Maths jew Ingliz xi darbtejn jew tlieta. Qal li ma kienx ilu wisq jattendi l-iskola u fil-fatt lanqas dam sena f’Targa Gap. Qal li gieli mar ghand l-imputat fl-ufficju tieghu ghal xi karti tal-O Levels.

Illi nhar s-sittax ta’ Frar 2001 **xehdet l-Ispettur Louise Calleja** [fol 35] fejn qalet li fid-disgha ta’ Dicembru 2000 certu **OMISSIS** kien mar l-ufficju tal-Vice Squad jaghmel rapport dwar korruzjoni fuq ibnu **OMISSIS** ta’ sittax il-sena mill-guidance teacher tieghu li skond ma qal kien Alexander Giacomotto. Qalet li dakinhar stess hi tkellmet ma **OMISSIS** fejn qalilha li hu kien jattendi l-iskola **OMISSIS** bhala student tat-tieni sena fil- **OMISSIS**. Qalet li **OMISSIS** kien spjegalha li fi Frar 2000 kien mietlu habib tieghu certu **OMISSIS** f’incident tat-traffiku fil-Marsa u kien waqa f’depressjoni. Infatti l-imputat kien induna b’dan u kien qed jaghtih hafna attenzjoni. Qalet li **OMISSIS** kien qalilha li xi gimgha wara l-mewt ta’ siehbu, l-imputat kien stieden lil **OMISSIS** fil-flat tieghu l-Qawra u qallu li jekk ried setgha jidhol fl-internet pero meta wasal fil-flat sab li lanqas computer ma kien hemm. Qalet li **OMISSIS** kien qalilha li l-imputat dakinhar kien qallu biex joqghodu jaraw film pornografiku u waqt li kienu qed jaraw dan il-film, skond ma qal **OMISSIS**, l-imputat qaghad jimmasturbah waqt li qaghad jimmasturba lilu nnifsu. Qalet li **OMISSIS** qalilha li dakinhar l-imputat kien tah ghaxar liri u qallu biex ma jitkellem ma hadd. Qalet li wara din l-okkazzjoni, skond ma qalilha **OMISSIS**, l-imputat kien hadu diversi drabi fil-flat tieghu u li kien jweghdu affarijiet bhal mobile ghal birthday kif jaghlaq t-tmintax il-sena. Qalet li **OMISSIS** qalilha li kien hemm okkazzjoni ohra meta l-imputat kien stiednu flimkien ma **OMISSIS** u **OMISSIS** biex jieklu ghandu fil-flat tal-Qawra. Qalet li qalilha li dakinhar kienu xtraw pizza u qaghdu jiekluha hemmhekk u li wara l-imputat kien tahom xi xorb alkoholiku u li wara li kielu, l-imputat kien wassal lil **OMISSIS** Bugibba, halla lil

**OMISSIS** Tas Sliema u rega' ha lilu lura l-flat fil-Qawra u stiednu jaghmel atti sesswali mieghu.

Ix-xhud kompliet tghid li nhar t-tnax ta' Dicembru 2000 hi arrestat lil imputat, saritlu tfittxija fil-fond li ghandu f'Hal Balzan kif wkoll fil-flat li ghadu l-Qawra fejn instabu xi videos pornografikci. Qalet li ittiehdet stqarrija tal-imputat dakinhar stess tat-tnax ta' Dicembru 2000 wara li nghata s-solita twissija fil-presenza tas-Surgent 545 Joseph Refalo liema stqarrija giet esibita w immarkata bhala dokument LV 1. Ix-xhud gharfet fuq din l-istqarrija kemm il-firma tal-imputat, taghha u tas-Surgent. Ziedet tghid li f'din l-istqarrija l-imputat ikkonferma li kien ha lil **OMISSIS** diversi drabi fil-flat tieghu tal-Qawra u meta gie mistoqsi dwar l-allegat abbuz huwa ghazel li ma jirrispondix ghad-domandi.

Illi nhar d-disgha ta' April 2001 **xehed OMISSIS** [fol 48] fejn wara li nghata t-tifsira tal-gurament qal li kien jaf lil imputat odjern bhala teacher l-iskola u li kien ilu jafu madwar sentejn. Qal li qatt ma mar ghand l-imputat u kien jafu biss l-iskola. Qal li l-imputat qatt m'ghallmu pero kien imur ghandu ghal xi klassi tar-writing. Qal li hu qatt ma kien presenti flimkien ma **OMISSIS** fejn l-imputat offrilhom xi smoke tal-Pulizija u qalilhom li kien lest li jgibha hu. Qal li qatt ma mar ma **OMISSIS** ghand l-imputat.

Illi nhar t-tmienja ta' Gunju 2001 **xehed l-Ex PS 545 Joseph Refalo** [fol 57] fejn qal li hu kien assista lil Ispettur Louise Calleja fir-residenza tal-imputat li gharaf presenti fl-awla u li l-istess spettur kienet infurmat lil imputat li kienet ser tarrestah. Qal li fir-residenza tal-imputat f'B'kara saret tfittxija minn fejn ma kien gie elevat xejn. Qal li hu kien presenti fit-tfittxija li saret fil-fond tal-imputat fil-Qawra fejn instabu xi videos pornografici u li gew elevati. Qal li wara l-imputat ittiehdet d-Depot fejn irrilaxxja stqarrija li tinsab esibita fl-atti a fol 38 wara li l-imputat inghata s-solita twissija. Ix-xhud gharaf fuq kull faccata taghha kemm il-firma tieghu, dik tal-imputat kif wkoll tal-Ispettur Louise Vella.

Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta’ Ottubru 2001 **rega’ xehed Ex PS 545 Joseph Refalo** [fol 78] fejn qal li hu kien assista lil Ispettur Louise Vella flimkien ma WPC Connie Cauchi fl-investigazzjoni dwar allegazzjoni ta’ abbuz sesswali fuq **OMISSIS**. Qal li kien mar Naxxar Road, B’Kara, fir-residenza tal-imputat fejn sabuh jaghti l-privat lil xi tfal. Qal li l-Ispettur kellmet lil imputat fil-presenza tieghu w infurmatu li kienet ser tghamillu tfittxija fid-dar tieghu, liema tfittxija rrizultat fin-negattiv. Qal li wara kienu marru f’fond iehor tal-imputat li jinsab l-Qawra, u fuq xkaffa fuq bieb instabu xi videos li esibixxa bhala dokument JR. Qal li sussegwentement l-imputat ittiehed d-Depot fejn wara li nghata s-solita twissija rrilaxxjat stqarrija fil-presenza tieghu liema stqarrija tinsab esibita bhala dokument LV 1. Ix-xhud gharaf fuq kull faccata taghha kemm il-firma tieghu, dik tal-imputat kif wkoll tal-Ispettur Louise Vella. Qal li hu ma rax dawn il-videoes u ma ftakarx jekk kellimx lil imputat dwarhom.

Illi nhar t-tletax ta’ Settembru 2001 **xehed OMISSIS** [fol 71] fejn wara li gie mfisser l-import tal-gurament lilu, qal li lil imputat kien jafu peress li kien ikun il-guidance teacher fl-iskola li kien jattendi hu. Ix-xhud qal li xi zmien qabel kien mar **OMISSIS** fuqu u qallu li kellu xi problema peress li l-imputat kien abbuza minnu b’mod sesswali, pero ma kienx tah hafna taghrif dwar dan. Qal li **OMISSIS** kien qallu li kienu hargu jieklu hu u l-imputat u certu **OMISSIS** kien siker u l-imputat kien hadu lura d-dar tieghu. Qal li **OMISSIS** kien qallu li meta kienu d-dar tal-imputat, dan kien abbuza bih u wara kien tah xi flus talli kien hallih jabbuza bih. Mistoqsi mill-Qorti kemm fil-fatt kien tah flus l-imputat lil **OMISSIS**, ix-xhud qal li ma kienx qallu. Qal li **OMISSIS** kien qallu wkoll li l-imputat kien jurihom xi karti tal-ezami qabel ma jasal l-ezami. Qal li hu kien issuggerixxa lil **OMISSIS** biex ikellem lil certa Miss Agius, guidance teacher ohra u fil-fatt kien mar u meta kien staqsa lil Miss Agius dwar **OMISSIS**, din kienet qaltlu li kienu ser jittiehdu xi proceduri u li anke nies mill-education kienu marru jkellmu. Qal li sussegwentement kien iltaqa ma **OMISSIS** l-pjazza ta’ Rahal Gdid u kien qallu li kien hemm kawza l-Qorti u kien ser jitla jixhed il-Qorti. Qal li **OMISSIS** kien qallu li meta kienu hargu jieklu, kienu l-

imputat, **OMISSIS** u certu **OMISSIS** li kunjomu ma kienx jafu.

Illi nhar d-disgha w ghoxrin a' Ottubru 2001 **xehdet Mary Doris Agius** [fol 80] fejn qalet li hi l-guidance teacher fi skola **OMISSIS**. Mistoqsija jekk kienetx taf lil **OMISSIS**, ix-xhud wiegbet li kienet tafu. Qalet li ghall-ewwel ma tantx kellha kuntatt mieghu pero fl-ahhar tas-sena 2000 bdiet tarah imur spiss donnu ried jghidilha xi haga. Qalet li peress li kien hemm ghajdud li xi hadd ha xi flejjes hasbet li kien se jkellimha dwar dan. Qalet li meta staqsiet lil **OMISSIS** jekk kienx hu li ha xi flus tal-imputat dan wegibha fin-negattiv.

Qalet li wara l-incident, **OMISSIS** baqa jmur ghandha pero ma kien qalilha xejn. Qalet li darba minnhom kien mar ikellimha **OMISSIS** ma habib iehor tieghu certu **OMISSIS** li dar fuqha u qalilha li **OMISSIS** ried jghidilha li l-imputat kien abbuza minnu. Qalet li hi daret fuq **OMISSIS** u dan qalilha li dak li kien qalilha **OMISSIS** kien veru u li l-flus li kien minghaliha insterqu lil imputat, fil-fatt kien l-imputat stess li kien tahom lil **OMISSIS**. Qalet li fil-fatt **OMISSIS** kien cahad li hu kien ha xi flus tal-imputat. Qalet li hi staqsiet lil **OMISSIS** ghaliex kien jaghtih l-flus l-imputat u dan wegibha li peress li ma kienx ikollu flus, l-imputat kien jaghtih l-flus. Qalet li b'referenza ghal incident meta kien wasal tard d-dar **OMISSIS**, u l-genituri tieghu kienu nkwetati w irrabbati, hu fil-fatt kien mar tard d-dar tal-genituri tieghu peress li kien ghand l-imputat fil-Qawra, u hemmhekk **OMISSIS** beda jitkellem nofs kliem fejn taha x'tifhem li l-imputat kien abbuza minnu dakinhar. Qalet li **OMISSIS** kien qalilha li kienu jaraw wkoll xi films pornografici ghand l-imputat u li kien anke jurih xi karti tal-ezamijiet minn qabel u l-karti tal-ezamijiet tieghu fejn il-marki kienu jkunu baxxi u hu jghollilu l-marki. Qalet li **OMISSIS** kien qailha li kien ikun hemm kunfidenza zejda minn naha tal-imputat pero x'tip ta' kunfidenza kien ikun hemm ma specifikax, pero taha x'tifhem li kien hemm abbuz fuqu billi l-imputat kien igieghlu jmiss l-parti genitali tieghu.

Qalet li hi ghall-ewwel inhasdet peress li t-tfal taghha huma tampar **OMISSIS** w ghalhekk hasset li kellha tifhem lil **OMISSIS**. Qal li lil imputat kienet ghadha kemm issir tafu dik is-sena. Qalet li meta **OMISSIS** beda jkellimha kien spontaneju fi kliemu. Qalet li **OMISSIS** kien qalilha li l-imputat kien jghidlu biex ma jmurx ikellimha lilha. Qalet li kienet taf li l-imputat kien qal l-istess kliem lil xi tfal ohra li kienu marru jghidulha.

Qalet li lil imputat hi qatt ma kellmitu dwar dan l-incident. Qalet li hi qalet lil **OMISSIS** li ma setghetx titfa fuqha dik r-responsabbilita u ma titkellimx w ghalhekk marret mill-ewwel tkellem lil headmaster Mr. Grima. Qalet li **OMISSIS** kien qalilha li kienu marru Bugibba hu certu **OMISSIS**, kienu marru l-ewwel jieklu pizza u wara li kieluha, u kienu sejrin lejn d-dar, **OMISSIS** telaq, lil **OMISSIS** l-imputat wasslu u wara spiccaw **OMISSIS** u l-imputat. Qalet li **OMISSIS** kien qalilha wkoll li l-imputat kien anke tahom jixorbu dakinhar. Qalet li **OMISSIS** qalilha li l-imputat kien wasslu d-dar u missieru kien ghamel ghalih u refa' jdejh fuqu ghaliex kien wasal tard d-dar, mar go phone booth, cempel lil imputat, qallu li kien telaq mid-dar u l-imputat kien mar gabru u hadu lura d-dar.

Mistoqsija kif kien l-atteggjament tat-tifel ix-xhud qalet li meta kienet kellmitu fuq kwistjoni ta' flus, kien sploda w irrakkonta dak li kien ghadha kif qalet w ghalhekk l-kwistjoni tal-flus ma regghetx semmitilu. Qalet li wara dan l-incident t-tifel kien dam xi erbgha jew hamest ijiem ma jmur jkellimha. Qalet li sussegwentement **OMISSIS** kien mar ikellimha u qalilha biex ma tghid lil hadd fuq dak li kien qalilha pero hi kienet qaltlu li kellha tkellem lil Mr. Grima. Ziedet tghid li **OMISSIS** kien mar ikellimha l-Gimgha w it-Tnejn ta' wara kienet kellmet lil Mr. Grima u minn dakinhar t-tifel kien sar nervuz hafna, jitlaghlu u kellha hafna sezzjonijiet mieghu peress li kien imur ghandha kwazi kuljum. Qalet li kienet qalet lil **OMISSIS** li kienet ser titkellem mal-genituri tieghu u wara xi hamest ijiem hu kien qal lil ommu. Qalet li kien erbat ijiem meta kien imur l-imputat wkoll u **OMISSIS** kien jirrabbja hafna ghaliex l-imputat kien joqghod ihares lejh u jidhaq w t-tifel

kien jirrabbja hafna.  Qalet li wara dan l-incident l-imputat ma kienx mar izjed quddiemha.  Qalet li sadanitant kienet waslet il-*parents day* f'Dicembru u dakinhar saru jafu l-ġenituri tieghu u kienu marru jkellmu lis-surmast.  Qalet li s-seduti li hi kienet izzomm kienu jkunu bejnha u bejn t-tifel biss u meta kien ikun hemm tfal ohra, **OMISSIS** kien jimmuta u ma jghid xejn.  Qalet li wara **OMISSIS** gie riferut ghand psikologu certu Mr. Frank Muscat, u peress li l-gvern idum hafna sabiex jipprovdi dan is-servizz, t-tifel mar ghal tali servizz privat.  Qalet li ghal ewwel kien jhallas s-surmast u wara bdew jhallsu l-genituri ta' **OMISSIS** ghal tali servizz.

Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta' Ottubru 2001 **xehed OMISSIS** [fol 85] fejn wara li gie mfisser lilu l-import tal-gurament mill-Qorti, qal li hu ghandu sittax il-sena.  Qal li lil **OMISSIS** kien jafu u li kien sar habib tieghu l-iskola. Mistoqsi jekk kien jaf lil imputat odjern ix-xhud wiegeb li kien jafu bhala guidance teacher.  Qal li darba minnhom kien hemm case convention tal-iskola t-Trade Fair u sussegwentement hu kien mar ghand l-imputat Bugibba. Qal li mieghu dakinhar kien hemm **OMISSIS**.  Qal li dakinhar kienu kielu pizza fil-flat tal-imputat, qalilhom li kellu xi xorb bhal vodka u hu ma hax pero **OMISSIS** minn rajh kien ha Vodka li kien tah l-imputat.  Ix-xhud kompla jghid li hu wara kien telaq u kien halla lil **OMISSIS** u lil **OMISSIS** warajh.

Ix-xhud qal li kien jaf li l-imputat kellu post iehor f'B'Kara peress li hu kien imur ghal privat ghandu.  Apparti din l-okkazzjoni hu ma kienx mar ma **OMISSIS** ghand l-imputat.  Ix-xhud qal li hu qatt ma kellu problemi w ghalhekk qatt ma tkellem mal-imputat bhala guidance teacher pero kien jaf li meta kien imur ghand l-imputat, dan kien jurih il-karti tal-ezami minn qabel.  Qal li darba minnhom kien ghand l-imputat B'Kara, u kienu waslu l-ezamijiet tal-ahhar tas-sena u kienu marru ghand l-imputat l-Qawra u tahom l-karta tal-ezami.  Qal li l-ewwel darba kienu hu u **OMISSIS** u t-tieni darba kienu hu, **OMISSIS** u certu **OMISSIS**.  Ix-xhud kompla jghid li **OMISSIS** lilu qatt ma qallu li kellu x'incident mal-imputat. Qal li hu kien ghamel xi zmien ma jmurx skola pero wara

kien rega' beda jattendi l-iskola u **OMISSIS** kien fetah qalbu mieghu u qallu li kellu incident mal-imputat u cioe li kien gie abbuzat mill-imputat. Qal li l-imputat kien jghidilhom li M'Scala ma kienx jghodd ghalihom u li ma kienx jiehu pjacir jarahom hemmhekk. Kien jghidilhom wkoll li t-tfajliet ma kienux tajbin ghalihom. Ix-xhud qal li kien jaf li l-imputat kellu relazzjoni aktar stretta ma **OMISSIS** u li fil-fatt l-imputat kien anke jibghat ghalih l-iskola. Qal li darba minnhom **OMISSIS** kien harab mill-iskola u l-imputat kien mar jfittxu. Qal li meta l-imputat kien urihom il-karti tal-ezami dawn kienu tal-Maths, tal-Ingliz, tal-Physics u tar-Religon u dan kien meta kienu jmorru ghal privat ghand l-imputat ghal habta tal-erbgha w nofs. Qal li pero tal-Malti qatt ma kien urihilhom peress li kien izommha ghalliem iehor. Ix-xhud qal li lilu, l-imputat qatt ma qallu xejn hazin, pero ma kienx jaf ghaliex kien jurihom il-karti tal-ezamijiet. Qal li darba minnhom l-imputat kien qalilhom li kellu l-karta tal-ezami, staqsihom jekk riedux jarawha, w huma rrispondewh fl-affermattiv. Qal li kien qalilhom biex ma jghidu lil hadd dwar dan. Qal li meta marru ghand l-imputat Bugibba kien ghal habta tal-ghaxra w nofs ta' bil-lejl. Qal li ghandu kienu marru jieklu pizza darba pero kien hemm okkazzjonijiet ohra meta marru ghandu ghal privat, wara l-iskola, fix-xitwa.

Illi nhar s-sbatax ta' Dicembru 2001 **xehed r-Reverendu Charles Mallia** [fol 93] fejn qal li hu headmaaster fl-iskola **OMISSIS**, qabel maghrufa bhala **OMISSIS** u kien ilu jokkupa dik l-kariga ghal hdax il-sena. Qal li lil imputat kien jafu bhala teacher maghhom fl-iskola u kien ilu jafu kemm kien ilu headmaster mis-sena 1989. Qal li l-imputat kien spicca mill-iskola kif bdew is-sena skolastika 1993 – 1994 u wara kien sar jaf bl-ittra tar-rizenja tal-imputat. Qal li hu kien gie avvicinat minn xi genituri tat-tfal li kienu studenti tal-imputat.

Illi nhar t-tlieta ta' Novembru 2003 **xehed OMISSIS** [fol 120 u 130] fejn qal li bejn Ottubru 1999 u Gunju 2000 hu kien jokkupa l-kariga ta' assistant head fl-iskola ta' **OMISSIS** maghrufa bhala **OMISSIS**. Qal li f'dak l-perjodu l-imputat kien ghalliem tal-lingwa Ingliza u peress li l-iskola kienet sprovvista minn guidance teacher, l-imputat

kien jaghmilha ta’ tali. Qal li ma kienx hemm raguni partikolari ghaliex kien intghazel l-imputat bhala guidance teacher. Qal li f’dak il-perjodu kien hemm **OMISSIS** bhala student. Qal li l-istudenti tal-iskola sekondarja ta’ Malta kollha meta jaslu fit-tielet sena jistghu jghazlu li jaghmlu l-ahhar sentejn fl-iskola tieghu li hija trade school. Id-differenza biss li kienet skola ghal **OMISSIS**. Qal li applikazzjonijiet kien ikollhom hafna u qabel kien isir aptitude test sabiex jigu accettati u **OMISSIS** kien ghamel tali test u gie accettat fl-iskola. Mistoqsi jekk kienx hemm xi rakkomandazzjoni ta’ xi social worker fil-konfront ta’ **OMISSIS** ix-xhud qal li ma kienx jiftakar li kien hemm. Mistoqsi kif kien igib ruhu **OMISSIS** ix-xhud qal li ma setghax jiftakar ezattament ghal liema perjodu pero kien jaf li kien donnu student li ma riedtx jitghallem. Qal li hu w il-head tieghu kienu jippruvaw jikkorregu lil **OMISSIS** persss li mhux dejjem kien jidhol fil-klassi u kien jghaddi zmien fil-kuridur minhabba xi diskors baxx li kien jghid. Qal li fil-fehma tieghu kien jghidlu li kien hemm bzonn li jiehdu passi dixxiplinari fil-konfront tieghu u sahansitra anke kellmu lil genituri tieghu dwar dan. Qal li din d-decizjoni kienet ittiehdet fil-bidu tas-sena skolastika 2000 - 2001. Qal li finalment kien il-head master li kien informa lil **OMISSIS** li kien ser ikompli bl-attitudni li kellu kien ser jigi mkecci mill-iskola. Mistoqsi jekk kienux lahqu kellmu lil genituri ta’ **OMISSIS** li kien ser jigi mkecci, ix-xhud m’gharafx iwiegeb pero ma kienx jidhirlu li kien fil-fatt gie mkecci, ghalkemm ma kienx jaf ghaliex. Qal li **OMISSIS** ma kienx ghamel is-sena skolastika 2000 - 2001 kollha.

Ix-xhud qal li ma jiftakarx kienx hemm konnessjoni bejn dak li gie allegat fil-konfront tal-imputat w d-decizjoni li huma hadu li jkeccu lil **OMISSIS** mill-iskola u wara li kienu hadu diin d-decizjoni, **OMISSIS** ma baqax jattendi l-iskola. Qal li kien jaf dan ghaliex l-imputat ma kienx baqa f’dik l-iskola pero dak iz-zmien ma kienx jaf. Qal li l-imputat ma baqax f’dik l-iskola peress li kien hemm l-akkuzi odjerni fil-konfront tieghu.

Ix-xhud kompla jghid li l-ezamijiet matul is-sena kellhom zewg sezzjonijiet, dawk mid-year u annuals. Qal li lezzjonijiet ta’ nofs is-sena kienu jsiru mill-iskola. Qal li l-

ghalliema tal-iskola kienu jhejju l-karta tal-ezami u xi xahrejn qabel l-ezami hu kien jitlobhom lil ghalliema koncernati sabiex jibdew jipprocessawhom. Qal li dawn kienu jinghatawlu f'envelopp u hu kien jghalaqhom go kamra li ghaliha hu biss kellu access. Mistoqsi jekk l-imputat kienx ikollu access ghal karti tal-ezami ix-xhud wiegeb li ma jidhirlux. Qal li l-ghalliema l-ohra ma kienux jghaddulu kopja u minn minnhom kellu suggett differenti minn dak tal-imputat kien jghaddilu kopja.

Mistoqsi jekk hux minnu dak li qal d-direttur taghhom fis-sens li kienu jkunu tlieta delegati, u cioe hu, l-imputat u l-librar, ix-xhud wiegeb li dak iz-zmien hu kien l-librar. Qal li setgha kien il-kaz li sena minnhom l-imputat kien jghin fl-ipprocessar pero ma setghax jghid fiz-zgur. Qal li minn dak iz-zmien hu kien biddel l-iskola. Qal li f'dik l-iskola hu kien ghamel xi ghaxar snin jew tnax il-sena u kull sena kienu jsiru differenti. Qal li ghal karti tal-ezami dejjem hu kien ikun in charge. Qal li issa li kienu qed igibuh in se, li l-imputat kien jigbor l-karti u wara finalment jghaddihom lilu. Qal li jista jkun li l-imputat kien gabar xi karti ghalih w ghaddihomlu, per ezempju ikun hemm zewg ghalliema tal-Ingliz u jaghtu l-karti lil imputat u hu jghaddihom lilu. Qal li l-imputat kien bniedem fdat u sakemm hu dam hemmhekk qatt ma kien hemm leakages fil-karti tal-ezami jew rapporti dwar dan.

Illi nhar t-tlieta ta' Novembru 2003 **xehed OMISSIS** [fol 123] fejn qal li bejn is-sena 1999 u s-siena 2001 hu kien ghalliem fl-iskola ta' **OMISSIS**. Mistoqsi jekk l-imputat odjern kienx wkoll ghalliem fl-istess skola, ix-xhud wiegeb li kien ghalliem tal-Ingliz. Qal li **OMISSIS** kien student tieghu jitghallem il- **OMISSIS**. Qal li ma kienx student mill-ahjar ghaliex meta kien jidhol fil-klassi kien jghid diskors baxx u jidghi u kien itellef lil istudenti l-ohra fil-klassi. Qal li hu ma kienx jiehu pajcir bih. Qal li hu kemm il-darba kien avza lil head kif wkoll lil assistant head dwar **OMISSIS** u anke kien informa lil imputat dwaru. Qal li biex ma jtellifx aktar lil studenti ohra fil-klassi kien hemm ftehim li meta **OMISSIS** kien jiddisturba l-klassi, hu kien jibghatu ghand l-guidance teacher w ghand s-surmast. Qal li fil-fatt kien irrizultalu li gieli ma kienx imur ghandhom

u kien effettivament jahrab mill-iskola u wasal fi stadju li ma setghax jzommu aktar bhala student fil-klassi tieghu. Ix-xhud zied jghid li **OMISSIS** kien juri attitudni negattiva sa mill-bidu nett tas-sena 1999. Qal li apparti **OMISSIS** fil-klassi kien ikun hemm xi hamsa w ghoxrin student iehor u meta kien ikun b'dik l-attitudni, hu kien jhossu umiljat fil-klassi ghaliex meta kien jibda jitkellem baxx hu ma kienx ikun jista jzommu aktar fil-klassi mal-istudenti l-ohra. Qal li **OMISSIS** baqa kif kien matul iz-zmien. Qal li wara li ghadda l-Milied, ippeggjora u ghalhekk ittiehdet decizjoni li ghandu jitkecca mill-iskola, pero effettivament ma kienx gie mkecci.

Mistoqsi ghaliex ma tkeccix **OMISSIS** mill-iskola, ix-xhud qal li hu mhux fl-amministrazzjoni u l-iskola thaddan politika li lil student tipprova jghinu kemm jista jkun. Mistoqsi jekk kienx tkecca xi hadd iehor floku, ix-xhud qal li ma kienx jaf pero jaf li kien tkecca l-imputat, ghalkemm ma kienx jaf ghaliex kien tkecca l-imputat.

Qal li hu, lil **OMISSIS** kemm il-darba kien qallu biex ma jitkellimx b'dik il-manjiera fil-klassi. Qal li hu mhux guidance teacher w ghalhekk ma hassx l-htiega li jara jekk **OMISSIS** kellux xi problemi jew le. Qal li ghal bidu ma kienx ikeccih mill-klassi u kien jipprova jikkontrollah. Qal li hu lil **OMISSIS** qatt ma staqsih jekk kellux xi haga li kienet qed iddejjqu.

Illi nhar t-tlieta ta' Novembru 2003 **xehed OMISSIS** [fol 126] fejn qal li hu kien head fl-iskola **OMISSIS** bejn is-sena 1999 u s-sena 2001. Qal li lil imputat kien jafu bhala ghalliem tal-linga Ingliza. Mistoqsi jekk kienx jaf lil **OMISSIS**, ix-xhud wiegeb li dan kien student fl-istess skola u kellu problemi kif kellhom studenti ohra fl-istess skola. Qal li dik l-iskola kienet wahda tal-arti, kellha varjazzjoni ta' studenti li anke kellhom problemi bhal nuqqas ta' smiegh u xi handicap iehor. Qal li lil **OMISSIS** kien ftit imqareb bhal tfal ohra u kellu problema li ma jidholx fil-klassi. Qal li lil **OMISSIS** kellu problema li kien jiehu gost jaghmel xoghol prattiku pero is-sistema ta' teorija ma kienx jhobbha.

Ix-xhud zied jghid li ma kienx jiftakar x-xahar meta fil-fatt kienu ghamlu referenza lejh li kienet ittiehdet d-decizjoni li t-tifel jitkecca. Ftakar li **OMISSIS** kien spicca quddiemu w ammonih li jekk jaghmel xi haga hazina setgha jitkecca pero d-decizjoni li jitkecca qatt ma hadha. Qal li kien gie riferut ghandu bhala l-ahhar risors. Mistoqsi jekk kienx semmiehlu l-genituri tieghu meta kellmu li setgha jitkecca mill-iskola, ix-xhud wiegeb li ma jafx jekk effettivament kienx semmielu l-genituri tieghu meta kellmu f'dik l-okkazzjoni. Qal li darba minnhom xi xahrejn wara li kellu din il-laqgha ma **OMISSIS**, kien mar ikellmu missieru u qallu li kien ser jiehu passi legali kontra l-imputat pererss li kien hemm allegazzjoni li **OMISSIS** kien gie molestat mill-imputat. Qal li hu dakinhar kien qallu biex jaghtih ftit zmien u kellu jkellmu l-ghada.

Ix-xhud kompla jghid li hu dak l-hin stess kien mar ghand d-direttur generali tal-edukazzjoni biex jinfurmah b'dak li kien allega missier **OMISSIS** fil-konfront tal-imputat u wara kien gie riferut lejn l-assisant direttur li kellu x'jaqsam mal-istaff tad-dipartiment tal-edukazzjoni certu Mr. Degabriele u dan kien qallu li kien ser jibghat ittra lil imputat biex jinfurmah li kien ser jigi sospiz minhabba dik l-allegazzjoni. Qal li ghalhekk l-passi mmedjati ttiehdu mid-dipartiment tal-edukazzjoni u mhux minnu. Qal li l-ghada hu kellu nkontru iehor ma missier **OMISSIS** u spjegalu dak li kien ghamel u li l-imputat kien gie sospiz mill-iskola.

Mistoqsi jekk bejn l-inkontru li hu kellu ma **OMISSIS** u l-inkontru li kellu ma missieru kienx ghadda inqas minn xahar, ix-xhud qal li ma jiftakarx.

Qal li bhala procedura huma jzommu l-karti tal-ezami ghal perjodu ta' sena jew sentejn wara li jkun sar dak l-ezami peress li tista ssir referenza ghalihom aktar 'l quddiem fuq dak s-suggett partikolari. Qal li bhala procedura l-past papers huma accessibbli ghall-ghalliema kollha u parti mit-taghlim edukattiv taghhom hija prattika li ssir referenza ghal past papers u dan biex isir meljorament f'dak l-istudent partikolari. Qal li l-imputat kien jiehu hsieb l-karti

tal-ezami u t-tfal li jersqu ghal O Levels u dan sabiex jippreparhom u jiehu l-applikazzjoni ghal dawn l-ezamijiet.

Qal li bhala procedura meta ssir karta tal-ezami din tigi ssiggillata u moghtija lil istudent fil-jum tal-ezami. Mistoqsi mill-Qorti min kien izomm dawn il-karti tal-ezami una volta jigu maghmula, ix-xhud wiegeb li kien ikun hemm grupp ta’ tnejn minn nies jew tlieta li kienu jkunu responsabbli ghal karti tal-ezami qabel effettivament isir l-ezami u <u>dawn kienu jkunu l-imputat odjern</u>, l-librar u l-assistant head. Qal li ma kienx jaf minn effettivament kien jissiggilla dawn il-karti. Mistoqsi x’kienet l-konversazzjoni tieghu ma **OMISSIS**, ix-xhud qal li ma jiftakarx. Mistoqsi jekk kienx izomm notamenti jew dati meta kien jibghat ghal xi student, ix-xhud wiegeb li ma kienx izomm. Ix-xhud qal li hu, lit-tifel qatt ma kellmu fuq dak li kien allega missieru mieghu u minn dakinhar ‘l quddiem hu ma rahx aktar lil **OMISSIS** l-iskola.

Illi nhar l-hamsa ta’ Ottubru 2004 **xehed l-imputat** minn jeddu b’mod voluntarju [fol 148] fejn qal li fil-present hu jinsab sospiz mix-xoghol tieghu minhabba dan il-proceduri. Qal li hu ghalliem. Qal li bejn is-sena 1999 w is-sena 2000 hu kien gie mibghut l-iskola **OMISSIS**. Qal li effettivament hu kien ilu hemmhekk xi sebgha jew tmien snin. Qal li hu kien jghallem l-Ingliz, history of art u xi kultant kien hemm xi suggetti ohra li setgha jidhol fihom hu. Qal li kellu jiehu wkoll hsieb suggetti akkademici fis-sens li jara li l-ezamijiet isiru u li johrog il-past papers, l-applikazzjonijiet u li t-tfal ikunu jafu bihom. Qal li kien senior teacher u kien applika wkoll ghal xi zmien biex jaghmilha ta’ guidance teacher qabel is-sena 1999 – 2000. Qal li dan kien jfisser li meta jidhol student kienu jaghmlu profile tieghu ghaliex kien beda jattendi dik l-iskola, ghaliex ikun telaq mill-iskola fejn kien jattendi qabel u jaraw x’attitudni ghandu biex ikunu jistghu jaraw x’suggetti xtaq jistudja l-istudent.

Qal li fis-sena ta’ qabel ma saret l-allegazzjoni lilu minn **OMISSIS**, hu kien jikkupa wkoll funzjoni ta’ guidance teacher pero fis-sena skolastika meta saret din l-allegazzjoni, ma kienx guidance teacher u fil-fatt **OMISSIS**

lanqas ma kien student tieghu. Qal li hu jaghti privat Advanced and Ordinary Level tal-Ingliz, tal-History w Intermediate Systems of Knowledge f'Hal Balzan.

Qal li kull student ghandu attitudni tieghu fis-sens li waqt li jkun fil-klassi jara l-bzonn ta' kull student u ghalhekk jipprova li kull lezzjoni tkun relaxed biex kull student ma jkunx taht pressjoni biex jitghallem ahjar. Qal li ma kull student hu jipprova jkun *as approachable as possible* kemm fil-klassi kif wkoll waqt l-privat. Qal li s-surmast tal-iskola kien qallu biex jibda jiehu hsieb l-*end of the year activities* u l-activities tal-Milied. Qal li meta l-class mistress tkun trid tikkoordina xi attivita ikun hu li jiehu hsieb.

Zied jghid li dak iz-zmien kien ihobb jiehu l-istudenti fil-post maghruf Nostalgia f'San Pawl il-Bahar u gieli anke Wied il-Ghajn. Qal li din ma kienetx xi haga abitwali li johrog lil istudenti pero jekk per ezempju xi student jkollu l-birthday, w it-tfal kienu jghidlu jorganizza xi haga, kien ikun lest li jghinhom. Qal li s-surmast gieli kien ikun jaf b'dawn l-attivitajiet.

Qal li l-istudenti li jmorru ghandu huma fil-parti l-kbira taghhom kbar u kienu jmorru ghal A Level. Qal li fil-fatt suppost li l-istudenti ikunu aktar attivi ghaliex ma jkollux aktar minn hames jew sitt studenti f'daqqa. Qal li l-post li hu ghandu f'Hal Balzan hu fi pjan wiehed. Qal li fih, fejn jaghti l-privat, ghandu mejda bis-siggijiet, ghandu photocopier fil-kamra tas-sodda fejn ghandu wkoll filing system u computer. Qal li gieli baghat xi student igib xi haga minn dik il-kamra u ghalhekk l-istudenti kienu liberi li jduru. Qal li gieli wkoll kienu jaghmlu xi kikkra te, l-istudenti jahslu l-kikkri jew isaqqu u gieli ghenhom hu jsaqqu. Qal li l-istudenti tieghu huma kemm bniet kif wkoll subien u fil-fatt hafna mill-istudenti huma tfal ta' ex studenti tieghu. Ix-xhud kompla jghid li dak li qal mhux biss ghal presenti imma anke dak z-zmien li saret din l-allegazzjoni fil-konfront tieghu. Qal li hu ilu jghallem mis-sena 1975. Qal li l-iskola f' **OMISSIS** hija wkoll mixed u hija l-unika skola li hija *mixed*.

Mistoqsi x'sistema kellhom ghal hrug ta' past papers ix-xhud qal li kellhom zewg sistemi. Qal li kienu igibu l-karti ufficjalment tal-London jew tal-Matsec u kellhom wkoll dwak tat-terminal exams taghhom stess. Qal li kienu jigbruhom u jipprintjawhom b'booklet biex ikunu jistghu jghadduhom lil studenti bhala gwida, speci ta' mera tas-suggett.

Qal li Rodney Casha kien intbaghat lilhom mill-counseller tieghu **OMISSIS** mill-iskola **OMISSIS** peress li kellu problemi fl-iskola u meta staqsa xi problemi kellu qalulu li kellu xi clashes mas-superjuri tieghu. Qal li hu kien kellmu u staqsih isem missier u **OMISSIS** donnu ma tantx kien ha pjacir jghidlu min kien missieru, kellu qisu grudge kontrih. Qal li meta staqsih x'ried jistudja kien qallu li ried jistudja l-filigree pero beda jikklaxxja mal-ghalliem koncernat. Qal li **OMISSIS** sussegwentement kien mar l-wood work fejn wkoll kellu problema. Qal li ghal ewwel **OMISSIS** kien ftti misthi fis-sens li kienet skola gdida izda minnufih beda jkun ribelluz ghas-sistema taghhom u l-assistant head w s-surmast kienu kontinwament jibghatu ghalih. Qal li xogholu kien l-upgrading tal-iskola tas-snajja. Qal li ma kienx kompitu tieghu li jikkastiga xi student bhala guidance teacher anzi kien jipprova jkun fuq n-naha tieghu pero l-assistant head w s-surmast kienu kontinwament jghidlulu bil-problemi li **OMISSIS** kellu u hu kien jghidilhom sabiex jistennew ftit. Qal li meta hu kien ikellem lil **OMISSIS** kien qisu jaghmel perjodu zghir johrog mill-problema pero wara kien jerga jaqa. Qal li Rodney Casha suppost kien imur ghal privat darbtejn fil-gimgha. Qal li hu kien imur bil-flus f'idejh u hu kien jghidlu biex jhallas fl-ahhar tax-xahar, ghalkemm kien mar ghal ftit lezzjonijiet ghandu u fil-fatt meta kien jibghatlu r-rapport fl-ahhar tax-xahar kien jahseb li ma kienx jurih lil genituri tieghuu li effettivament kien qed jiskarta.

L-imputat kompla jghid li kien zmien meta kienet saret laqgha apposta minhabba **OMISSIS** u zewg studenti ohra u kien baghat ghalih s-surmast u qallu li ma setghax jibqa jaqbez ghal istudenti u li kienu ser jittiehdu passi dixxiplinari kontra **OMISSIS**. Qal li ghall-ewwel kienu bdew fil-konfront ta' student partikolari minhabba li kien

hemm xi allegazzjoni ta’ serq minghand arcipriet, li sussegwentement kien ammetta u wara ghaddew ghal kaz ta’ certu **OMISSIS** li kien ammetta li kien ha xi drogi u li dan kien habib ta’ **OMISSIS**. Qal li wara dawn t-tnejn kien imiss l-kaz ta’ **OMISSIS** li bih kien gie nfurmat mis-surmast **OMISSIS**. Ix-xhud qal li pero ma kien gara xejn peress li kien spicca sospiz. Qal li hu ma kienx presenti ghal din l-laqgha fejn gie diskuss li kellu jidher **OMISSIS** quddiemhom peress li kellu l-*parents day*. Qal li sussegwentement is-surmast kien qallu li kien ser jissospendi lil **OMISSIS** u li s-surmast kien ser jibghat ghal genituri ta’ **OMISSIS** f’dik il-laqgha w inqalghet l-kwistjoni odjerna tal-akkuzi fil-konfront tieghu.

Qal li hu kellu back pack fl-ufficju tieghu ghan-neputi tieghu u **OMISSIS** kien haadulu u meta talbu igibulu lura, ma riedtx. Qal li kien qallu wkoll li kien serq xi flus minghand missier habib tieghu. Qal li kellu kwistjoni ohra ma habib tieghu certu **OMISSIS** ghaliex ommu ma rieditux jaghmiilha mieghu u wara hafna konvinciment li hu ghamel ma **OMISSIS**, waslu fi ftehim li hu jaghtih xi ghaxar liri sabiex ikun jista jixtri l-gageg bl-ghasafar. Qal li **OMISSIS** kien seraq lil missier habib tieghu xi tletin lira u hu kien qallu li kellu jirritornahom pero hu kien qallu li kien gia nefaqhom. Qal li meta staqsa lil **OMISSIS** f’hiex kien nefaqhom, jekk hux fuq drogi jew sigaretti, hu beda jidhaq u f’dik l-okkazzjoni hu kien qallu li d-drogi jaghmlu hazin lin-nies. Qal li dan kollu gara f’Ottubru jew Novembru 2000.

Mistoqsi jekk kienetx l-ewwel darba li **OMISSIS** kien hareg ghal xi pizza mieghu, l-imputat wiegeb li jekk mhux l-ewwel, kienet t-tieni darba. B’referenza ghal dak li qal **OMISSIS** fix-xhieda tieghu dwar l-incident ta’ Bugibba, meta kienu marru ghal xi attivita tat-Trade Fair fejn spiccaw ghamlu hemmhekk sa xi d-disgha w nofs, l-imputat qal li hu kien qalilhom biex icemplu lil genituri taghhom u jinfurmawhom li kienu ser imorru jiehdu pizza, u kulhadd kien qallu li kien cempel. Qal li ghalhekk kienu xtraw pizza u marru jiekluha l-flat tieghu Bugibba. Qal li **OMISSIS** kien qallu biex ma jdumx ma jwasslu lura d-dar

ghaliex ma kienx qal lil missieru u hu beda jirrabbja mieghu talli ma kienx qal lil missieru.

Mistoqsi min kien presenti ghal din il-laqgha x-xhud qal li kien hemm hu, **OMISSIS** u **OMISSIS**. Qal li huma kienu xorbu xi Coka, **OMISSIS** ried jixrob xi Vodka u hu ma hallihx pero hu sar jaf minghand shabu waqt li kien qed jwassalhom d-dar li **OMISSIS** xorta kien xorob mill-kcina. Mistoqsi kif jaf li **OMISSIS** ried jixrob, l-imputat wiegeb li peress li hu stess kien urih x-xewqa li ried jixrob.

Mistoqsi x'rotta ha meta wassalhom d-dar, l-imputat qal li l-ewwel wassal lil **OMISSIS** ghaliex joqghod **OMISSIS**, wara lil **OMISSIS** u lil **OMISSIS** peress li joqghodu **OMISSIS** w il- **OMISSIS**, u fl-ahhar lil **OMISSIS** ghaliex joqghod **OMISSIS** u mar lura d-dar tieghu f'Hal Balzan. Qal li appena wasal d-dar kien cempel missier **OMISSIS** u staqsih ghaliex kien dam u hu kien qallu b'dak li kien gara. L-imputat qal li l-allegazzjoni li ghamel **OMISSIS** fil-konfront tieghu u cioe li hu kien rega' hadu l-flat tieghu Bugibba dan ma kienx minnu u kien tant hekk li missieru kien cempillu appena wasal d-dar Hal Balzan.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Novembru 2004 **rega' xehed l-imputat** [fol 158] fejn, meta l-avukat difensur tieghu ghamel referenza ghal istqarrija li rrilaxxja hu nhar t-tnax ta' Dicembru 2000 ghal habta tal-erbgha ta' wara nofsinhar, fis-sens l-ghala ma spiccawx zewg guidance teachers kif kienu qabel, l-imputat wiegeb li dan kien peress li naqsu l-istudenti u ma kienx hemm daqshekk rikjesti. Qal li biex tkun guidance teacher irid jkollok load izghar milli kellu hu peress li hu kellu l-Ingliz u l-History. Qal li **OMISSIS** li semma fl-istqarrija tieghu kienu ghamlu sezzjonijiet lil istudenti kollha.

Qal li hu single u jghix wahdu. Qal li l-Qawra kellu kollezzjoni ta' pjanti u kull nhar ta' Sibt kien imur isaqqihom u gieli qal lil istudenti jmorru jghinuh isaqqu wara li jispiccaw l-lezzjoni mhux lil **OMISSIS** biss. Cahad b'mod kategoriku li qatt wera films pornografici lil **OMISSIS** ghalkemm fl-istqarrija li rrilaxxja ma kienx wiegeb tali domanda. Mistoqsi ghaliex dakinhar ma kienx

wiegeb ghad-domandi li sarulu konnessi mas-sess, l-imputat qal li dak l-hin kien ixxukkjat u peress li l-Ispettur kienet qaltlu li seta' ma jwegibx ghal xi domandi, hu kien ghazel li ma jwegibx. Qal li hu qatt ma kien gie nterrogat mill-Pulizija qabel u kien ixxkukkjat b'dan li qaltlu l-Ispettur. Qal li meta kien jibghat xi studenti jixtrulu xi haga u kien jghid lil **OMISSIS** li setgha jixtri xi haga ghalih, kien jaghmel l-istess mal-istudenti l-ohra li kien jibghathom jixtrulu.

Qal li hu kien induna li t-tfal li kien ha l-flat tieghu kienu xorbu, jiem wara meta kien l-iskola w dan ghalkemm ma kienx hallihom jixorbu xorta. Qal li kien mar ghand **OMISSIS** biex ikellmu fuq l-incident, fuq domanda ta' ommu stess. Qal li kien qallu li kieku ried hu setgha jixtri d-droga pero ma kienx ser jixtri peress li taghmel hazin. Qal li **OMISSIS** kien qallu jekk iridtx jippruvaha u hu kien rrispondih fis-sens li kien jaf x'jigrilhom nies li jiehdu d-droga. Qal li kien qallu wkoll li kien lest li jgib Pulizija sabiex jghidulu ezattament l-effetti tad-droga u fil-fatt kien mar certu Spettur Kevin u qal lil istudenti dwar l-effetti tad-droga. Qal li dan kien parti mill-process tat-taghlim.

Mistoqsi kemm il-darba **OMISSIS** kien mar ghandu ghal privat l-imputat wiegeb li kien mar darba jew dartbejn u qatt ma thallas minghandu. Qal li minn Marzu sa Mejju mar xi hames darbiet l-aktar. Qal li l-prassi tieghu kienet li jibghat kont darba fix-xahar bill-kummenti tieghu ghal genituri. Qal li hu jzomm zewg liri kull saghtejn lezzjoni u b'hekk l-ghaxar liri li kellu jaghtih **OMISSIS** kien ghal perjodu ta' bejn Marzu u Mejju. Qal li fil-fehma tieghu, la t-tifel ma kienx wera interess, ma kellux jibghat l-kont lil genituri tieghu. Cahad li qatt dahhal lil **OMISSIS** fuq siti sesswali u dejjem kien jghidlu, kif kien jghid lil studenti ohra, li affarijiet ta' sess kellu jhallihom ghal meta jkun akbar.

Qal li hu kien jghid lil **OMISSIS** li jekk mhux kapaci jrazzan ix-xewqat tieghu, kien isir qisu annimal u dan ghaliex hu kien joqghod jispjega x'kien ikun ghamel s-Sibt w il-Hadd.

Qal li l-incident ta' meta harab mill-iskola jiftakaru. Cahad li dakinhar kien abbuza min **OMISSIS** u fil-fatt kien cempel lil ommu biex jghidilha li kien ser iwasslu d-dar u wasslu qabel il-privat. L-imputat kompla jghid li **OMISSIS** f'xi Novembru kien qallu li kien pejjep l-ismoke, qallu xi haga kannella u hu kien qallu li ma riedtx ikun jaf u wasslu d-dar. Qal li kien minnu li kien irrangalu mas-surmast biex ma jigix eskluss mill-iskola **OMISSIS** u dan ghamlu biex ma jippeggjorax s-sitwazzjoni.

L-imputat stqarr li fl-istess erbgha hames snin kienu mitulu l-genituri tieghu, n-nanna u z-zijiet li kienu jghixu mieghu. Qal li lil **OMISSIS** hu kien ipprova jghinu sabiex ma jkunx *lonely* kif kien qed ihossu hu u li dak iz-zmien li rrilaxxja l-istqarrija kien hassu dispjacut peress li l-karriera tieghu kienet ser tigi effettwata b'dawk l-allegazzjonijiet.

Meta saritlu referenza ghax-xhieda li kien ta **OMISSIS** nhar t-tnejn ta' Dicembru 2002, l-imputat qal li fost dawk it-tfal li kienu jghidulu li kienu jmorru mal-prostituti u kienu jaghtuh d-dettalji kien hemm **OMISSIS** u **OMISSIS**. Qal li hu kien baghathom jitkellmu ma **OMISSIS**. Qal li fil-fatt darba minnhom hu kien baghat lil **OMISSIS** ghand **OMISSIS** ghaliex kien qallu li kien hareg tifla tqila. Qal li dan kien ikun grafiku hafna f'dak li jghid. Mistoqsi jekk **OMISSIS** kellux tfajla, l-imputat wiegeb dan kien isemmi t-tfajliet pero ma tfajla qatt ma rah. Cahad li qatt qal lil istudenti li kien imur mar-Russi ghalkemm kienu jezistu u li efettivament l-mard kien zdied u kien qallu li kien hemm diversi mard. Qal li **OMISSIS** anke l-post kien semmielu fejn kien imur.

Mistoqsi x'hini l-idea tieghu li kien joqghod jghidlu u jikkoreggih lil **OMISSIS**, l-imputat wiegeb li peress li kien ghalliem u kien l-obbligu tieghu li jipprova igibu fit-triq t-tajba. Cahad li qatt wera films pornografici lil **OMISSIS** u lil **OMISSIS**. Cahad li hu tah l-inbid, kif qal fix-xhieda tieghu. Cahad wkoll li kien rega' hadu lura l-flat tieghu Bugibba lil **OMISSIS** wara li kien wassal lil shabu, insista li kien wassalhom wara xulxin. Qal li l-incident li ddeskriva fix-xhieda tieghu **OMISSIS** a fol 16 kien in veritier. Qal li l-flat tieghu ta' Bugibba huwa wiehed zghir u dakinhar li

kien cempillu missier **OMISSIS**, hu kien B'Kara. Qal li **OMISSIS** mar Bugibba diversi drabi minhabba t-tisqija tal-pjanti. Qal li hu kien qal lil **OMISSIS** li l-ahjar mod li jirranga l-affari ta' missieru kien li jfittex post ghal rasu meta jaghlaq t-tmintax il-sena u hu kien hadha li kien ser jixtrilu post hu.

L-imputat kompla jghid li l-erbghin lira li semma **OMISSIS** fix-xhieda tieghu huma l-istess li hu kien tah meta qallu li kien seraq lil habib ta' missieru u li kien nefaq fi zmien gimgha. Qal li fil-fatt kien silfu dak l-ammont u mhux tahomlu u li kellu jroddhomlu meta jkun jista. Zied jghid li **OMISSIS** kien mar ikellmu qrib il-Milied, hafna qabel ma fil-fatt kien ghamel hbieb mieghu. Mistoqsi jekk hu kellux xi xorb fil-cupboard, l-imputat wiegeb li kellu xorb storjat. Qal li dik l-gwardarobba ma tintuzax bhala tali imma biex ipoggi certi affarijiet bhal kotba, tapiti w oggetti li ma juzax spiss.

Mistoqsi min kien **OMISSIS** li jsemmi **OMISSIS** fix-xhieda tieghu, l-imputat qal li kien wiehed li jrabbi z-zwiemel u joqghod hdejn c-cimiterju. Qal li omm **OMISSIS** ma rieditux jibqa jaghmilha mieghu. Qal li hu kien qallu biex ma jibqax jaghmilha mieghu pero hu kien qallu li dan kellu l-ghasafar w gageg u kien talbu xi flus u hu kien tah u **OMISSIS** kien hallas ghal gageg biex izomm l-ghasafar. Mistoqsi kemm tah flus l-imputat qal li tah xi hames liri u dan sabiex ma jibqax jaghmilha ma **OMISSIS**. Qal li hu kellu basket zghir tal-EF u **OMISSIS** riedu pero ma kienx tahulu. L-imputat zied jghid li meta kien staqsih jekk kienx hadu, **OMISSIS** kien irrispondih li kien hadu. Ikkonkluda billi qal li hu qatt ma stenna affarijiet bhal dawn jigrulu ghaliex hafna studenti ghaddew minn taht idejh u dejjem gabulu rispett,

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Jannar 2005 2004 **rega' xehed l-imputat** [fol 165] fejn mistoqsi jispjega l-lay out tal-flat tieghu ta' Bugibba qal li hekk kif tidhol mill-bieb, fuq l-lemin hemm kamra, kamra ohra, kamra tal-banju, kamra tas-sodda, combined, kcina u terga tigi fl-istess kuridur fejn bdejt. Qal li s-salott huwa fit-tarf nett fejn il-verandah.

Qal li l-flat zghir bi tlett bedrooms, kuridur forma ta' L u kamamar madwaru.

Qal li dakinhar stess wara li telqu t-tfal kienu xorbu waqt li kienu ghandu fil-flat Bugibba ghaliex hu kien ihalli x-xorb fuq trolley fil-kcina. Qal li ghalkemm kien maghhom fil-flat, ma kienx qaghad hdejhom il-hin kollu, peress li kien hemm hin meta mar fil-bathroom u mar jirrispondi t-telephone. Qal li kien hemm couch fis-sitting room. Qal li ma kienx jaf li dak l-hin kien xorbu. Qal li ma kienx guidance teacher meta qalilhom li kieku ried d-droga kien setgha jixtriha. Kien guidance teacher biss fl-ewwel sena u mhux fit-tieni sena. Qal li kien qal dak d-diskors peress li haseb li **OMISSIS** kien ser jaqbad l-vizzju tad-droga qabel ma nqalghet din il-kwistjoni. Qal li fit-tieni sena ma kienx guidance teacher u lanqas kien jghallem lil **OMISSIS**. Qal li lil ommu kellimha diversi drabi u kien jghidilha li binha ma kienx qed juri interess u hi kienet tghidlu sabiex jibqa jipprova ghaliex ghaliha ahjar li tkun taf fejn ikun milli joqghod jigri barra.

Illi l-imputat fix-xhieda tieghu ma tantx jaghmel referenza ghal istqarrija li huwa rrilaxxja a tempo vergine tal-investigazzjoni mehuda mill-Pulizija nhar t-tnax ta' Dicembru 2000 [fol 38]. Il-Qorti thoss li ezami ta'din l-istqarrija huwa relevanti fic-cirkostanzi.

L-imputat jammetti f'din l-istqarrija li **OMISSIS** kien imur ghandu biex ikellmu ta' spiss ghaliex kien *depressed* peress li kien tilef habib tieghu f'incident awtomobilistiku, pero jichad li kien imellsu ghalkemm kien jaghmel xi siegha jkellmu kull darba.

Jghid pero li meta **OMISSIS** allegatament kien icempillu u jghidlu li kien sejjer l-Gzira, hu kien jissuggerilu sabiex immorru dawra bil-karozza u wara kienu jmorru fil-flat tieghu l-Qawra biex isaqqi l-pjanti. Mistoqsi jekk kienx hemmhekk jara films pornografici mieghu, l-imputat ghazel li ma jwegibx u lanqas ma wiegeb ghad-domandi tal-Prosekuzzjoni li kien imiss l-parti privata tal-istess **OMISSIS**.

Gie wkoll allegat mill-Prosekuzzjoni li gieli kien jimmasturba fil-flat waqt li kien ikun ma **OMISSIS** u l-istess imputat ma wegibx.

L-imptuat jammetti li ta s-somma ta' erbghin lira lil **OMISSIS** ghalkemm jghid li **OMISSIS** kien qallu li kien seraqhom minghand habib ta' missieru certu **OMISSIS**.

Jammetti wkoll li gieli tah flus ghaliex ommu kienet tgorr li kien qed jonfoq hafna.

Jispjega l-istess lejl li xehed dwar il-Qawra meta hadu pizza flimkien il-Qawra flimkien ma **OMISSIS** u **OMISSIS** u li kien effettivament hu li wassalhom kollha lura d-dar u li **OMISSIS** spicca fis-sakra u li effettivament **OMISSIS** kien wasslu l-ahhar kif jghid del resto l-istess **OMISSIS**.

Dwar l-allegazzjoni tad-droga, l-imputat jghid li veru kellu konversazzjoni ma **OMISSIS** dwar dan is-suggett pero jghid li qallu li kieku ried jixtri d-droga, setgha jaghmel hekk ghaliex il-Pulizija jghidulu li hija hazina u qallu wkoll li l-Pulizija kienu qalulu li hi facli biex tinxtara.

Jghid wkoll li qatt ma baghat kont tal-lezzjonijiet tal-privat li kien jaghti lil **OMISSIS** lil genituri tieghu ghaliex ghamel biss perjodu bejn Marzu u Mejju tas-sena 2000. Qal wkoll li l-imputat kien ikollu l-flus tal-privat pero kien jghidlu biex izommhom u li kien ser jibghatlu l-kont mal-ohrajn pero dan qatt ma ghamlu.

Dwar l-incident meta **OMISSIS** telaq mill-iskola, l-imputat jammetti li hadu l-flat tieghu pero meta gie mistoqsi jekk abbuzax minnu f'dik l-okkazzjoni, l-imputat ghazel, ghal darb'ohra li ma jwegibx.

Jammetti wkoll li l-videos pornografici li gew elevati mill-flat tieghu f'Bugibba, huma proprjeta tieghu u li jaghmel uzu personali taghhom. Mistoqsi jekk uriex dawn il-videos lil **OMISSIS**, l-imputat ghal darb'ohra ghazel li ma jwegibx. Meta gie mistoqsi l-Qorti ghaliex ma wegibx d-domandi kollha li sarulu, l-imputat stqarr li kien ixxukkjat bl-

allegazzjoni li saret fil-konfront tieghu w ghalhekk dehrlu li ma kellux ghalfejn jirrispondi.

Ikkunsidrat:

Illi l-Prosekuzzjoni qed tallega li l-imputat ikkorrompa lil **OMISSIS** b'ghemil zieni u talli wera f'post pubbliku jew accessibbli ghal pubbliku, oggetti pornografici, filwaqt li l-imputat jichad dawn l-akkuzi.

Ghalhekk kollox jiddependi fuq il-kredibililta tax-xhieda u dan hu proprju l-ezercizzju li trid taghmel din il-Qorti.

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha l-provi kollha migjuba u thoss li l-alternattivi huma tnejn; jew li l-imputat qed jghid il-verita, jew mhux.

Pero c-cirkostanzi kif inhuma, u kif jirrizultaw fil-process biex din il-Qorti tasal ghal konkluzzjoni li l-imputat mhux hati tad-delitti imputati lilu, trid wkoll tasal ghal konkluzzjoni, kif donnu allegat mid-difiza, li kien hemm fil-kaz u fil-konfront tieghu speci ta' kongura minn persuna biex taddebitalu delitti li ma kkommettiex.

Din il-Qorti hija f'posizzjoni ferm aktar favorevoli minn Qrati ohra meta si tratta t'apprezzament tax-xhieda cioe meta si tratta dwar il-kredibilita ta' xhud. Dan ghaliex tkun ghexet il-process kollu tul medda ta' zmien, tkun f'posizzjoni li tara u tisma l-provi viva voce, tara u tezamina l-imgieba u komportament ta' xhieda, tara x'interess jista jkollu xhud f'dak li qed jixhed, tara fi ftit kliem, jekk dak li qed jghid x-xhud ghandux mis-sewwa jew le.

Huwa minnu li f'kaz ta' konflitt fil-provi, il-Qorti ghandha tillibera favur l-imputat pero huwa minnu wkoll kif gie deciz mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax ta' April, 1997*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Graham Ducker** li;

"*It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt; whoever has to judge may,*

*after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one*".

Huwa wkoll minnu kif gie deciz fis-sentenza moghtija nhar l-***hmistax ta' Mejju 1971*** fl-**ismijiet Il-Pulizija v Anthony Azzopardi** li:

*"Il-gudikant fis-sistema ta' 'libero convincimento' jista ma jemminx parti izda jemmen parti ohra mid-deposizzjoni ta' xhud u lanqas ma jsegwi li min jigdeb f'parti ikun qed jigdeb f'kollox."*

Dan qed jinghad b'referenza ghal kummenti li ghamel l-avukat difensur fit-trattazzjoni tieghu dwar ix-xhud **OMISSIS**.

Il-Qorti tispjega wkoll kif hemm imnizzel fl-artikolu 638(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li x-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min qed jiggudikah fuq fatti, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar.

Ghalhekk jispetta lil Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-probabbilita. Huwa veru wkoll li l-Qorti ghandha tqis provi cirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputat u l-allegat reat. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar important mill-provi diretti, pero huwa veru wkoll li provi ndizzjarji iridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-gudikant jaccerta ruhu li huma univoci.

Fil-fatt l-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal sentenza moghtija nhar l-***hmistax ta' Gunju 1998 mill-Qorti tal-Appell Kriminali*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Lee Borg** fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci cioe mhux ambigwi. Ghandhom ikunu ndizzji evidenti li jorbtu lil akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu

mressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Illi ghalhekk huwa importanti li fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista torbot lil imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu.

Fil-fatt skond sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sitta ta' Mejju, 1961*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Carmelo Busuttil** gie ritenut li:

"*Il-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova talvolta hija tant li tipprova fatt bi precizjoni matematika.*"

Il-Qorti ghalhekk ghandha taghmel apprezzament tal-fatti fl-isfond tas-suespost, u in vista li hija dejjem l-Prosekuzzjnoi li trid tipprova l-elementi kollha tar-reat u dan peremezz ta' provi diretti jew indizzjarji u sal-grad tal-konvinciment morali tal-istess gudikant.

Il-Prosekuzzjoni akkuzat lil imputat preliminarjament bl-akkuza ta' korruzzjoni ta' minorenni kif kontemplat fl-artikolu 203(1)(c) tal-Kap 9. Illi ghalhekk l-Prosekuzzjoni trid tipprova li l-imputat, b'ghemil zieni, ikkorrompa persuna taht l-eta waqt li l-minuri kien gie fdat fil-kura tieghu sabiex jiehu hsiebu jedukah, jghallmu, jindukrah u jzommu.

Illi ghalhekk, apparti l-element formali tar-reat, irid ikun hemm l-atti ziena li jikkorrompu lil minuri ghal konsumazzjoni ta'dan r-reat.

Kif gie ritenut fis-sentenza moghtija fit-***tmienja ta' Jannar, 1996, mill-Qorti tal-Appell Kriminali*** fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Thomas Wiffen:**

"*Lewd acts may be committed either on the person or in the presence of the minor. All acts which either of their very nature or of the circumstances in which they are performed are directed to the indulgence of the sexual appetite either of the agent or of the victim and are capable of arousing the sexual interest of the victim.*"

***Francesco Canfora** writing in the Digesto Italiano in connectionwith Sec 335 of the Zandarelli Code [which proviso as far af the element of the offences are concerned was identical to our Sec 203] has this to say as regards the notion of lewd acts”*

"*Atti di libidine debbono ritenersi tutti quei contatti e quelle manovre che possono eccitare i sensi, anche se non giungono alla sfoga completa della libidine … Senza poi entrare nelle varie questioni sorte nella pratica e nella giurisprudenza circa alla valutazione di singoli atti per vedere se debbasi o no attribuir loro il carattere di atti di libidine specie in ordine al bacio, del quale lungamente si occupa il Carrara, noi rileveremo come norma generali che gli atti, a cui si riferisce la legge, debboni essere materiali e di una certa entita' e tali da aver rapporto prossimo e diretto colle funzioni sessuali*" (Digesto Italiano, Vol. VIII, parte 3, p. 967, sottolinear tal-Qorti).

Rigward l-korruzzjoni attwali, jinghad fl-istess sentenza fuq citata li:

*“As to the requirments of actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known scientific instrument, but is something which has to be assessed by the prudent judge, the lay judge in the case of a trial by jury, the professional magistrate or judge in all other cases - taking into account all the circumstances of the case, including in particular the age of the victim and the nature of the act or acts.*"

Issa f’dan il-kaz, l-Prosekuzzjoni ressqet lil **OMISSIS** jixhed u spjega ezattament x’kien jaghmel l-imputat fil-presenza tieghu u cioe li gieli nezzghu gharwien waqt li kienu fil-kamra tas-sodda tieghu fil-flat li kellu Bugibba [fol 15] u qaghad idawwar il-blue films waqt li qaghad ibusu u jimmarsturba.

Ix-xhud kompla jispjega x’kienu c-cirkostanzi li wasslu ghal din ix-xena u cioe li f’dik l-okkazzjni huwa kien hareg mal-imputat u xi studenti ohra u spiccaw jieklu l-pizza li

kienu xtraw minn barra, fil-flat tieghu. Qal wkoll li dakinhar kien xorob xi Vodka u qabel ma l-imputat gab ruhu hazin mieghu, **OMISSIS** kien mar mieghu jwassal lil studenti ohra d-dar taghhom sabiex b'hekk spiccaw wahedhom fil-flat. Qal li dakinhar l-imputat akkumpanjah lura d-dar ghand l-genituri tieghu tard tant li spicca ggieled maghhom.

**OMISSIS** jispjega kif hu mqassam l-flat tal-imputat bid-dettalji kollha u din d-deskrizzjoni qatt ma giet michuda miill-imputat. Pero l-imputat jghid li huwa minnu li **OMISSIS** mar ghandu fil-flat tieghu f'Bugibba flimkien ma studenti ohra pero filwaqt li fl-istqarrija ma jichadx li mmasturba u baghbas lil **OMISSIS**, fix-xhieda tieghu l-Qorti f'Jannar 2005 u cioe erbgha snin wara l-allegat incicdent, l-imputat jichad b'mod kategoriku li qatt mess lil **OMISSIS**.

**OMISSIS** jispjega l-hbieberija li kellu mal-imputat u cioe li l-imputat kien jaghtih xi flus u l-imputat dan ma jichdux. Li kien jurih l-karti tal-ezami qabel l-ezami u dan hu korrobnorat mix-xhieda ta' **OMISSIS** [fol 86] li kien jghamilha ta' kbir mieghu billi kien jghidlu li kien imur mal-prostituti u fil-fatt l-imputat jikkonferma dan. Li l-imputat qallu li setgha igib d-droga jekk ried u l-imputat jghid li qallu li l-Pulizija qalulu li d-droga facli li tixtriha.

Il-vittma **OMISSIS** jghid wkoll li kien tah erbghin lira u fil-fatt l-imputat jikkonferma dan wkoll izda jghid li kien tahomlu sabiex jirritornhom lil habib ta' missieru ghaliex qal li **OMISSIS** kien seraqhom minghandu, pero provi ohra dwar din l-allegazzjoni d-difiza ma ressqitx.

Il-vittma **OMISSIS** jghid wkoll li l-imputat kien jitolbu sabiex jimmasturbah pero huwa qatt ma ghamel dan. Qal li l-imputat kien jipprova jaghmel s-sess mieghu minn wara u ma kienx hallih u fil-fatt kien jinhasel u l-imputat kien jaghtih xi haga tal-flus. L-imputat jichad dawn l-fatti dwar s-sess u l-*atti di libidine*.

Illi ghalhekk x-xhieda li ta l-vittma **OMISSIS** hija korroborata f'diversi aspetti taghhom. Il-vittma **OMISSIS**

jghid li kien jara l-videos pornografici ghand l-imputat u l-imputat jichad li kien joqghod jarhom mal-vittma izda ma cahadx li ghamel uzu minnhom ghal ragunijiet personali, dan pero meta l-Pulizija ghamlu tfittxija ghand l-imputat, elevaw wkoll xi videos pornografici.

Il-vittma **OMISSIS** jispjega kemm l-imputat kien hanin mieghu fis-sens li ma kienx jibghatlu kont tal-privat li tah u del resto l-imputat stess jikkonferma dan, anzi fl-istqarrija tieghu jghid li kien jghid lil imputat izomm l-flus li kellu tal-privat ghaliex kien ser jibghatlu kont fl-ahhar mal-istudenti l-ohra, pero kont qatt ma spicca baghat lill-imputat.

Il-vittma **OMISSIS** jikkonferma li l-imputat kien jaghtih l-flus pero jghid li dan kien jaghmlu ghaliex omm il-vittma kienet tgerger li binha kien jonfoq hafna flus.

Il-vittma **OMISSIS** jghid li esperjenzi sesswali ma kellu ma hadd aktar f'hajtu lanqas ma tfajliet [fol 19].

Illi d-difiza sostniet li **OMISSIS** mhux xhud kredibbli w ivvinta l-istorja kollha kontra l-imputat ghaliex kien ser jitkecca mill-iskola minhabba l-agir pjuttost hazin tieghu.

Il-Qorti pero ma taqbel xejn ma din t-tezi ghaliex thoss li l-vittma **OMISSIS** huwa konsistenti hafna f'dak li jghid u fil-fatt apparti li jinsab korroborat f'hafna minn dak li rrakkonta, huwa kredibbli u attendibbli ghaliex spjega dan il-kaz u f'diversi okkazzjonijiet dejjem sostna u zamm mal-istess fatti. Huwa spjega dak li gralu kemm lil **OMISSIS** u **OMISSIS**, kif wkoll l-Qorti u l-versjoni tal-fatti li ta kienet l-istess. Illi x-xhieda tieghu, ghalkemm hija xhieda ta' minorenni, hija konsistenti f'dak li qal u deher kredibbli waqt li ddepona l-Qorti.

L-imputat minn naha l-ohra ma hux kredibbli f'dak li jghid u l-Qorti ma thossx li ghandha temmnu f'dak li qal. L-imputat donnu jikkolabora dak kollu li jghid **OMISSIS** salv u b'eccezzjoni ghal akkuzi ta' korruzzjoni u li wera l-karti tal-ezami. Kull darba li l-imputat xehed hu ta versjoni tal-fatti pjuttost differenti. Zgur li ma kienx konsistenti u fil-fatt deher incert u skomdu hafna fuq il-pedana tax-xhieda.

Il-Qorti thoss li r-relazzjoni li l-imputat jghid li kellu mal-vittma **OMISSIS** mhux wahda normali izda wahda intima u wahda li m'ghandhiex tkun bejn ghalliem u student. Din il-Qorti tistmerr hbieberija ta' dan t-tip, specjalment bejn ghalliem u student.

Ma hemmx dubbju li f'ghajnejn din il-Qorti, dak li ghamel l-imputat mal-vittma **OMISSIS** waqt li kien fdat lilu, jammonta ghal ghemil zieni li jwassal sabiex jikkorrompi lil istess minorenni w ghalhekk tali akkuza tinsab ppruvata mill-Prosekuzzjoni.

Dwar t-tieni akkuza, li llum giet emendata bl-Att III tas-sena 2002, u giet in vigore fix-xahar ta' Mejju 2002, sabiex jissusisti dan r-reeat kif kien qabel l-emendi, il-Prosekuzzjoni kellha tipprova li l-pussess ta'oggett pornografiku jew l-akkwist tal-materjal pornografiku, hu reat kemm il-darba tali pussess jew akkwist ikun ghal qligh jew ghat-tqassim jew ghal wiri f'post pubbliku jew f'post accessibbli ghal pubbliku.

Issa, f'dan il-kaz in dezamina, ma kienx hemm dan l-iskop specifiku ta' qligh, tqassim jew wiri f'post pubbliku jew accessibbli ghal pubbliku, il-materjal pornografiku kien jintuza biss ma hemmx dubbju bhala preludju ghal atti ta' libidini u ghalhekk din l-akkuza ma gietx ippruvata b'mod sodisfacenti.

**Dwar il-piena**:

Il-Qorti rat l-fedina penali tal-imputat kif esibita a fol 6 et seq tal-atti minn fejn jirrizulta li l-imputat kiser dufrejh mal-ligi almenu f'erbgha okkazzjonijiet ohra meta instab hati mill-Qorti fuq akkuzi meta kiser r-regolamenti tal-Att XXII tas-sena 1990 u l-Avviz Legali 101 tas-sena 1990, li naqas li jghaddi lil Gvern t-taxxa minnu migbura u dejjem inghata unconditional discharge.

Illi din l-akkuza li l-Qorti qed issib lil imputat hati tahha hija akkuza serja hafna u dan ghaliex tista thalli trawma fuq t-tifel minuri ghal zmien twil w ghalhekk il-Qorti thoss li l-

piena idoneja f'dan l-kaz ghandha tkun piena karcerarja specjalment meta tqis li jesiztu c-cirkostanzi aggravanti msemmija fil-ligi u cioe ghaliex l-att ta' korruzzjoni gie kommess minn persuna li giet fdata bil-kura ta' minuri sabiex jiehu hsiebu, jindukrah, jedukah u jghallmu.

**Il-Qorti** ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 203(1)(c), 208, 17(b), 20, 22 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed <u>ssib lil imputat ALEXANDER GIACOMOTTO hati tal-ewwel akkuza</u> u cioe dik ta' korruzzjoni tal-minorenni <u>u</u> tikkundannah ghal piena karcerarja ta' erbgha snin u mhux hati tal-akkuza ta' wiri ta' materjal pornografiku mill-liema akkuza qed tilliberah.**

**Il-Qorti rat li ma gie nominat ebda espert f'din il-kawza w ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni maghmula ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti tordna li <u>l-isem u l-konnotati kollha tal-minuri li xehdu f'dawn il-proceduri m'ghandhomx jigu pubblikati fuq il-mezzi kollha tax-xandir</u> u dan fl-interess tal-istess minuri u <u>tordna wkoll l-projbizzjoni tal-pubblikazzjoni tal-isem tal-iskola fejn kien jghallem l-imputat.</u>**

**Tordna wkoll l-konfiska tal-videos pornografici esibiti f'dawn l-atti nhar d-disgha w ghoxrin ta' Ottubru 2001 favur il-Gvern ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------